**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002

**Numru 6**

**Avviz numru 112/02JR**

**Atlas Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Paul Galea u l-istess Paul Galea**

**vs**

**Kevin Carmel Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fil-21 ta' Jannar, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmienja u disghin lira Maltija (Lm298.00), risarciment ta' danni, in kwantu ghall-mitejn tmienja u erbghin lira Maltija**

**(Lm248.00) lis-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited noe u hamsin lira Maltija (Lm50.00) lill-attur Paul Galea, minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' l-incident awtomobilistiku li gara Hal-Qormi fit-22 ta' Mejju, 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq motorcycle numru FBG-461 habat mal-vettura numru VHF-050 proprjeta` ta' l-attur Paul Galea u misjuqa minnhu – ghall-liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tas-27 t'Awissu, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali b'effett mis-27 t'Awissu, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 ta' Frar, 2002, li fiha gie eccepit:**

- **i.** **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi billi l-incident meritu tal-kawza ma garax minhabba tort u traskuragni ta' l-eccipjent izda minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur;**
- **ii.** **Illi, minghajr pregudizzju ghas-suddett, id-danni reklamati mill-attur bhala rizultat tal-kollizzjoni huma esagerati;**

**iii. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' WPS 159 Sharon Leckey, Paul Galea, Stephen Conti, Adrian Muscat Inglott u Kevin Carmel Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-22 ta' Mejju, 2001, fi Triq is-Sebh, Qormi, bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni VHF-050 misjuqa mill-attur u l-mutur numru ta' registrazzjoni FBG-461 misjuq mill-konvenut. Meta gara l-incident iz-zewg vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni, cioe` direzzjoni tar-Rabat. L-attur sofra hsara fuq il-mudguard ta' quddiem tax-xellug, filwaqt li l-konvenut kellu hsara fil-genb tax-xellug bit-tkaxkira, fir-rota u number plate.**
2. **Jibda biex jinghad li l-attur qed jikkontesta l-isketch, pero mill-provi mismugha, mix-xhieda ta' Adrian Muscat Inglott u ta' WPS Sharon Leckey ma hemm ebda raguni l-ghala dan l-isketch m'ghandux jigi accettat bhala li hu korrett.**
3. **Jirrizulta li l-konvenut kien qed isuq fil-karreggjata ta' gewwa, meta xeghel l-indicator u beda jaqleb. Il-fatt li l-konvenut xeghel l-indicator hu korroborat kemm mill-fatt li wara l-habta l-attur stess ra l-mutur bl-indicator mixghul, kif ukoll mix-xhieda ta' l-istess konvenut, pero` l-aktar mid-deposizzjoni ta' Adrian Muscat Inglott li kien xhud okulari**

**ta' l-incident. Fil-fatt dan ix-xhud ta' l-ahhar ikkonferma li l-konvenut kellu l-indicator tan-naha tal-lemin mixghul.**

4. **L-attur jghid li kien qed isuq fil-karreggjata ta' barra. Pero` dana ma jsibx konferma fid-deposizzjonijiet tax-xhieda l-ohra, u lanqas ma mill-isketch, hlief ghall-fatt li l-attur spicca fil-karreggjata ta' barra, pero` l-brake marks fl-isketch jindikaw li kien gej mill-karreggjata ta' gewwa. Fl-istess sens xehed Adrian Muscat Inglott li qal li ra l-vettura ta' l-attur gejja mill-karraggjata ta' gewwa ghall-karreggjata ta' barra.**
5. **L-attur stess ma kellux il-vizwali ostakolata u ma kienx hemm traffiku. L-attur f'tali cirkostanzi suppost li kellu kontroll shih tal-vettura tieghu. L-attur ra lill-konvenut qed jaqleb il-karreggjata pero` xorta baqa' ghaddej, ghalkemm jghid li paqpaq, u kien biss meta rah qed ikompli jaqleb li l-attur ghafas brake.**
6. **Jirrizulta li l-konvenut kien ghaddej b'xi 40kfs jew 50kfs. L-attur definitivament kien ghaddej b'velocita` akbar. Apparti ksur tar-regolamenti tat-traffiku, l-velocita` per se mhux necessarjament tkun il-kawza ta' l-incident. Pero` kemm il-darba jirrizulta li minhabba tali velocita` is-sewwieq ma kellux kontroll fuq il-vettura, tenut kont tat-traffiku li kien hemm quddiemu, allura f'dak il-kaz jista' jaghti l-kaz li l-velocita` tassew tkun il-kawza prossima ta' l-incident.**
7. **Fil-kaz in ezami Adrian Muscat Inglott, li kien fuq il-post u ra l-incident jigri quddiem ghajnejh, u li xehed dettaljatament u meticolosament, qal hekk:**

> **"Il-mutur dahal fil-karreggjata l-ohra. Fl-istess hin Opel Astra kienet ghaddejja sparata bhal bomba u qed tibbrejkja fl-inner lane ghall-outer lane, u still braking laqtet il-mutur."**

**Izid jghid ukoll li l-attur deher skidding".**

**Dana hu ndikativ mhux biss tad-dinamika ta' kif sehh l-incident, izda wkoll tal-fatt li kienet dik il-velocita` eccessiva da parti ta' l-attur li nehhietlu minn idejh il-kontroll fuq il-vettura sabiex jwaqqaf fil-hin.**

8. **Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-konvenut ma kellu ebda tort ghall-incident li sehh u kien ghamel is-senjalazzjoni necessarja u f'waqta, u meta gara l-incident l-istess konvenut kien gja qaleb karreggjata. Ma hemmx dubbju li kienet il-velocita` eccessiva ta' l-attur il-kagun ta' l-incident.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni ma kienx jahti l-konvenut, it-Tribunal qed jichad it-talba attrici.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati, nterament mill-atturi skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**